MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 90/2005

**Avviz numru 90/05DM**

**Maltacom p.l.c. – C22334**

**Vs**

**Eugenio Lama (I.D. 382184 M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal- konvenut, ghall-hlas tas-somma ta' elf, disa' mija u sitta u tmenin lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm1,986.59) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni ma' l-uzu tan-numru telefoniku 21374975 (skond kif jirrizulta mill-'statement' Dok. A anness ma' l-Avviz) liema servizz gie stallat fil-fond 'Marron Glace' Xatt il-Palm, Bahar ic-Caghaq (AT/4573/88 a/c 10123645) u dana kif jirrizulta mill-kopja ta' l-applikazzjoni annessa ma' l-Avviz u mmarkata Dok B.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, u ta’ l-ittra ufficjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll id-dokumenti esebiti, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qieghda tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta’ elf, disa’ mija u sitta u tmenin lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm1,986.59) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-imghaxijiet legali b’effett mit-18 ta’ Frar, 2005.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------